MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 413/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Antonio Piscopo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli, bhala persuna registrata mall-Kummissaru tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-7 ta' Novembru, 2006, fil-hanut One More Time, Misrah il-Bandolier, Zejtun,

1. naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-

kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. Xxiii ta’ l-1998;
2. fl-istess zmien u fl-istess post naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 52, 77(a) u (e) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta w l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda ta’ l-istess Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w taghha kkundannatu multa ta’ tlett mija w hamsin lira (LM350), u, stante li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellate w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar, 2008, li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet in linea preliminari n-nullita' tal-appell stante li ntalbet ir-revoka tas-sentenza appellata minnflok ir-riforma u dan bi ksur ta' dak li jiddisponi *ad validitatem* l-art. 419(1)( c ) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu, 2008, li biha cahdet il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Semghet ix-xhieda kollha fl-udjenza tal-10 t' April, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi x-xiehda mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti jistghu jigu ri-assunti kif gej:-

**Martin Buttigieg**, Vat Inspector, xehed li fis-7 ta' Novembru, 2007 hu w Jonathan Fenech kienu ghamlu *inspection* fil-One More Time Stationery fiz-Zejtun fejn kien hemm mara qed tixtri xi *stationer*y. Huma kienu gewwa wara din il-mara w wara li xtrat din il-mara hallset ammont ta' LM1.67c lil certa Margaret Spiteri li kienet wara l-bank u li ma tathiex ricevuta. Spiterri tatha l-bqija mill-kexxun tal-*cash register* li kien miftuh. Kull darba li taghalqu w tifthu l-*cash register* jimmarkalek fil-*journal notes* u jibda jaghtik "*no sale"* ripetutament . Kif dik il-mara harget il barra kellmu lil Margaret Spiteri w qalulha biex tippancja l-ammont ta' LM1.67c u hi qaltilhom li ma kienetx taf tuza l-*cash register*. Huma qalulha li dment li kienet wara l-*counter* suppost li kienet taf tuza l-*cash register*. Qalulha kif tippancja w urewha kif u bdiet taghfas u harget ir-*receipt*. Lill-appellant qatt ma rawh hemm u lanqas qatt kellmuh imma dan hu l-persuna registrat mad-Dipartiment

In kontroezami, x-xhud qal li meta huma dahlu fil-hanut kien hemm zewg persuni, wahda minnhom il-mara li kienet qed tixtri. Spiteri kienet qaltilhom li kienet qeghdha hemm ghaliex l-appellant kien ha *puncture* u qeghdha daqxejn minn floku. Lilhom ma qaltilhomx li l-appellant kien qalilha biex ma tbieghx u fil-fatt bieghet quddiemhom. Kien hemm incident iehor fil-25 ta' Marzu, 2006, meta zewg inspectors kienu marru fil-hanut u sabu lil din Spiteri li ukoll qaltilhom li ma tafx tuza l-*cash register*. Dak in-nhar pero' ma kienx sar biegh quddiem l-inspectors.

**L-Appellant** xehed li fis-7 ta' Novembru, 2006 hu kien il-hanut One More Time Stationery , filghodu f' xil-11am u

kien ha *puncture* u kienet marret Margaret Spiteri u qalilha biex toqghodlu ghaxar minuti halli jmur ghax kien ser jaghalaqlu tat-tyres. Din Spiteri kienet tigi iz-zija tat-tfajla li hu kellu dak iz-zmien. Kien qalilha : *"Min jigi taqdiehx. Tini cans ha nigi jiena."* Dan tat-tyres kien xi tlitt minuti boghod bil-karozza. Hu kien jaf li Margaret Spiteri ma kienetx taf thaddem il-cash register ghax qatt ma kienet qaghdet hemm qabel. Din pensjonanta w gieli marret fil-hanut tixtri. Meta hu rritorna fil-hanut sar jaf li kienu marru tal-VAT. Il-cash register hu maghluq kien hallieh qabel ma telaq u meta mar lura sabu miftuh.

(Hawn sar konfront ma Martin Buttigieg li tenna li l-*cash register* kien miftuh u li ma kienx fethu hu.)

In kontro-ezami, l-appellant xehed li hu jiggestixxi l-hanut proprjeta' tieghu li huwa mikri ghandu. Hu s-sid registrat tal-hanut. Il-hinijiet tal-hanut kienu mis-7am sa nofsinhar u mill-4pm sas-7pm. Mistoqsi setax imur ghat-*tyre* fil-hin meta l-hanut ikun maghluq wara nofsinhar, l-appellant wiegeb li f' nofsinhar tat-t*yres* jaghalaq. Peress li ried jistenna l-*puncture* jissewwa, forzi kien idum kwarta, ghoxrin minuta. Kien qal lil Spiteri biex ma tbiegh xejn u min imur il-hanut tghidlu li hu dalwaqt kien ser jigi lura. Ma gietux f' rasu li jaghmel sinjal li l-hanut kien *"closed*" dak il-hin.

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx dubju f' dan il-kaz li l-hanut One More Time Stationery kien gie registrat mad-Dipartiment tal-VAT mill-appellant (Dok. SP2 a fol. 5) li kien iffirma bil-kariga ta' "*proprietor*". Dan mhux kontestat. Jirrizulta li mill-hanut in kwistjoni sar biegh u li ghal dak il-biegh ma kienetx inghatat ricevuta. Il-biegh sar minn Margerita Spiteri li kienet wara l-counter u sahansitra tat il-bqija lix-xerrejja li kienet xtrat xi *stationery items* quddiem l-ispetturi tal-VAT u dana billi hadet flus mill-*cash register* li kien miftuh. Jirrizulta li minn *cash register* miftuh tista' tiehu w tpoggi flus bla ma jigi rekordjat xejn. Invece jekk il-kexxun jinghalaq u jinfethah bla ma jigi *punched* ebda item u prezz, jirrekordja *"no sale"* kull darba.

Illi ghalkemm l-appellant xehed li hu kien halla lil Margerita Spiteri ghassa mall-hanut temporanjament biex imur jaghmel qadja biex isewwi *puncture*, qadja li skondu kellha tiehu kwarta, ghoxrin minuta, w qalilha biex ma tbiegh xejn u tghid lill-parruccani biex jistennew, dan jidher li se mai huwa veru in parti biss. Ghalkemm l-appellant nhux kontradett fil-fatt li hu halla l-hanut f' idejn Spiteri biex imur isewwi *puncture*, hu ferm inverosimili li jkun ta istruzzjonijiet biex il-klienti jistennew kwarta, ghoxrin minuta, sakemm hu jirritorna fil-hanut w inqas w inqas hu verosimili li dawn il-klienti jaghmlu hekk fil-hajja mghaggla tal-lum. Inoltre, ghalkemm hu jghid li halla l-kexxun tal-*cash register* maghluq, irrizulta li fil-prezenza tal-VAT inspectors, dan kien miftuh, tant li Spiteri tat il-bqija minnu. Issa jekk Spiteri ma kienetx taf topera l-*cash register*, kif allura dan instab bil-kexxun miftuh? L-unika spjegazzjoni plawsibbli hi li l-appellant kien halla l-kexxun miftuh apposta biex Spiteri proprju tkun tista' tibqa' tbiegh fl-assenza tieghu w biex, jekk ikollha bzonn taghti bqija, taghtiha mit-*till* li kienet thalliet miftuha. F' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li ma kellux responsabbilta' ghal dak li eventwalment irrizulta li gara.

Ma hemmx dubju li Margerita Spiteri kienet qed tagixxi fil-hanut <u>ghan-nom tal-appellant</u>, anki jekk ma kienetx impjegata tieghu. Bil-fatt li hallielha t-*till* miftuha, kien ovvjament qed jippermettilha li tkompli taqdi lill-klienti fl-assenza tieghu w dan bla ma tirregistra biegh u, ovvjament, bla ma taghti ricevuti fiskali.

Ghalhekk f' dan il-kaz l-appellant ma jistax jargumenta b' sccess li hu gab prova li ma kienx jaf b' dak li ghamlet Margerita Spiteri li hu kien halla l-hanut f' idejha temporanjament u li hu kien ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir l-ghemil jew nuqqas li ma hemmx dubju li sar minn din Spiteri, kif jipprovdi l-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 82 tal-Att XXIII tal-1998. Anzi, ghall-kuntrarju, kollox jindika w jissuggerixxi li hallielha l-kexxun tal-*cash register* miftuh biex tkun tista' tibqa' tbiegh fl-assenza tieghu mill-hanut bla ma tirregistra biegh u ergo

minghajr il-htiega li taghti ricevuta fiskali bil-*cash register* in kwistjoni. Il-fattispecji ta' dan il-kaz huma *toto coelo* differenti minn dawk tal-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Victor Sant"** [12.12.2002] citati mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu.

Illi l-aggravju l-iehor dwar xi kunflitt fil-provi bejn ix-xhieda tal-ispettur tal-VAT u dik ta' Margerita Spiteri w Catherine Livori huwa infondat ghax fl-istadju tal-appell la xehdet Spiteri w lanqas Livori. Anzi fl-udjenza tal-10 t' April, 2008, Margerita Spiteri li ukoll kienet instabet hatja tar-reati dedotti kontra l-appellant, kienet irtirat u cediet l-appell taghha li kien bazat biss fuq l-istess aggravju ta' konflitt fil-provi. Ghalhekk din il-Qorti ghandha biss quddiemha l-versjoni wahda ta' Martin Buttigieg u ta' hadd aktar u ghalhekk ma hemm ebda konflitt fil-provi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------